**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Il-PULIZIJA**
**(Spettur Antonello Magri)**

**-Vs-**

**RAMI MOHAMED SALEM JOUMAA**

**Illum, 30 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' **RAMI MOHAMED SALEM JOUMAA**, detentur tal-karta tal-identita' 129847A, imwieled il-Libja fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena 1992 li ġie akkużat talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u fil-ġranet, ġimgħat u xhur preċedenti, f'dawn il-Gżejjer:-

1. Bil-ħsieb li jestorċi flus jew xi ħaġa oħra, jew li jaghmel xi qligħ, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil persuna oħra tesegwixxi, tiddistruġġi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jagħmel denunzja jew kwerela kontra,

jew li jagħti malafama lil **Eman Amgad Anwar Aly Agius** (is-sieħba tiegħu ta' qabel); *(Artikoli 250[1] u 202[h] tal-Kodiċi Kriminali)*

*2.* Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Eman Amgad Anwar Aly Agius, (siehba tiegħu ta' qabel) jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju għaliha, liema reat hu aggravat peress li twettaq kontra s-sieħba ta' qabel, u ripetutament; *(Artikoli 251A[1][a], 251A[4], 251HA u 202[h] tal-Kodiċi Kriminali)*

Il-Qorti hija mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali *pendente lite* kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, tassigura l-protezzjoni tal-vittmi Raisia Said u Chaylise Pace wara t-tmiem tal-proċeduri permezz tal-ordnijiet xierqa skont l-artikoli relevanti tal-liġi;

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-vittmi, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja ;

Semgħet lill-imputat waqt il-preżentata, jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jikkonferma din l-ammissjoni tal-ħtija anke wara li hija wissietu dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u ta' dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reati li jinsab mixli bihom, u l-piena erogabbli, u dan wara illi kkonċedietlu ħin biex

jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonjiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Semgħet il-Prosekuzzjoni, il-parti offiża u d-difiża jiddikjaraw li jaqblu illi fic-cirkosatanzi tal-kaz ikun xieraq li minflok il-piena applikabbli ghar-reat li dwarhom saret ammissjoni, tingħata sanzjoni taħt l-Art. 22 tal-Kap 446 flimkien ma' ordni taħt l-Art. 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u dan wara li ġew osservati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 392A tal-Kap. 9, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Illi għall-fini tal-piena l-Qorti kkunsidrat illi l-imputat jinsab mixli bir-reat ta' rikatt taħt l-artikolu 250(1) tal-Kap. 9 liema reat huwa wieħed gravi għaliex huwa punibbli bi priġunerija minn sena sa erba' snin u jidher – u l-Prosekuzzjoni qablet espressament – li jikkostitwixxi wieħed mill-elementi tar-reat tal-fastidju li l-imputat ukoll jinsab mixli bih taħt l-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali. Iż-żewġ reati huma wkoll aggravati bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 251HA li jagħmel riferenza għall-artikolu 202(h) tal-Kap. 9 minħabba li ġew kommessi fil-konfront ta' persuna li kienet f'relazzjoni mal-imputat, ċioe' il-parti offiża Eman Amgad Anwar Aly Agius.

Illi madankollu, il-partijiet kollha inkuż il-parti offiża, iddikjaraw li huma jaqblu li tingħata ordni għal liberazzjoni kondizzjonata bħala sanzjoni f'dan il-każ. Il-Qorti qieset li xejn ma jżommha milli tapplika sanzjoni bħal dik għaliex anke bl-applikazzjoni tal-aggravanti mandatorja tal-piena minħabba d-dispożizzjonijiet tal-

artikolu 202(h)(vi) tal-Kap. 9, il-piena għar-reat ta' rikatt (u wkoll ir-reat tal-fastidju) m'hijiex ta' iżjed minn seba' snin priġunerija u f'kull każ, il-Qorti fehmet illi l-istess att, ċioe' r-rikatt, kien wieħed mill-atti li fl-istess waqt ikkaġuna wkoll fastidju lill-vittma. Dan għall-Qorti jfisser li f'dan il-każ huwa ravviżabbli l-konkorrenza formali ta' reati u pieni u għalhekk tista' tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li huwa r-reat tar-rikatt. Iżda, u fi kwalsiasi każ, anke bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonjiet tal-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 minħabba wkoll il-konkorrenza materjali tar-reati, ir-reati mhumiex flimkien punibbli bi priġunerija għal żmien iktar minn seba' snin u għaldaqstant xejn ma jżomm l-applikazzjoni ta' sanzjoni minn dawk maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation.

Fuq kollox, il-Qorti kkunsidrat li l-applikazzjoni ta' sanzjoni taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446 hija wkoll ix-xewqa tal-parti offiża purche' tingħata protezzjoni bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kap. 9, il-fatt li l-imputat ma wasalx fil-ħsieb tiegħu b'rabta mar-rikatt, l-ammissjoni mill-iktar bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-fedina penali tiegħu hija kompletament netta.

Ikkunsidrat dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena iżda jkun iktar xieraq li jingħata ordni taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17, 31, 202(h)(vi), 250(1), 251A u 251HA, 579(2) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil RAMI MOHAMMED SALEM JOUMMA ħati tal-imputazzjonijet kollha iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta), tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet (3) snin.**

**Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħatja għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Eman Amgad Anwar Aly Agius għal żmien tliet (3) snin.**

**Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, tordna li l-Ordni ta' Trażżin jiġi komunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' tali ordni, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi, skont il-kaz.**

**Tordna li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess b'mezzi eletttroniċi għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tal-atti kollha tal-kawża fi żmien sitt ijiem tax-xogħol għall-fini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**